MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 359/2012

**Vodafone Malta Limited**
**Vs**
**M.P.Services Co Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta’ Mejju, 2012 fejn is-socjeta’ attrici talbet li tithallas l-ammont ta’ elfejn u tnejn u tmenin ewro u tnax il centezmu tal-ewro (€2,082.12) dovut mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici ghal servizzi rezi u prodotti mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta fuq talba u a beneficcju tal-istess socjeta’ konvenuta skont ftehim bil-miktub iffirmat bejn il-kontendent.

Illi s-socjeta’ konvenuta minkejja li giet debitament interpellata ghal hlas baqghet inadempjenti.
Bl-imghax mid-data ta’ kull fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-artiklu 166A tal-Kapitlu 12 tal-ligijiet ta’ Malta bin-numru 599/2012, tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 779/2012, ipprezentat fil-Qorti tal-

Magistrati (Malta) fl-ismijiet fuq premessi, kontra s-socjeta' konvenuta.
Wara li s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata pprezentat risposta fis-16 ta' Mejju, 2013 fejn eccepiet illi l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici huwa eccessiv u ma jirrispekkjax is-servizz mghoti lis-socjeta' konvenuta. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' konvenuta.
Is-socjeta attrici pprezentat dokumenti u ddikjarat illi ghalqet il-provi taghha fid-29 ta' Ottubru, 2013.
Is-socjeta' konvenuta wara li nghatat zmien sabiex tressaq il-provi taghha naqset milli taghmel hekk u ghalhekk it-Tribunal iddikjara maghluqa l-provi tas-socjeta' konvenuta u ghadda ghas-sentenza.

Wara li t-Tribunal ra d-dokumenti pprezentati mis-socjeta' attrici u wara li s-socjeta' konvenuta ma gabet ebda prova biex tirribatti dawn il-provi, t-Tribunal ma fadallux hlief li joqghod fuq dawn il-provi u jilqa t-talba attrici. Ghalhekk jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u tnejn u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€2,082.12) bl-imghax mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali numru 599/2012 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 779/2012 ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------